

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Ġunju 2013 — Bogusz vs Frontex**

(Kawża F-5/12) <sup>(1)</sup>

*(Servizz Pubbliku — Membri tal-persunal temporanji — Persunal tal-Frontex — Tibdil tal-kundizzjonijiet tat-tħaddim tal-perijodu ta' prova previsti fl-Artikolu 14 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Tkeċċija fi tmiem il-perijodu ta' prova — Iffissar tal-għanijiet — Motiv imqajjem għall-ewwel darba fis-seduta)*

(2013/C 252/76)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Slawomir Bogusz (Dobroszyce, il-Polonja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Vuorensola u H. Caniard, bħala aġenti, assistiti minn A. Duron u D. Waelbroeck, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' Frontex li timponi sanzjoni fuq ir-rikorrent u tad-deċiżjoni li tiddikjara t-tkeċċija tiegħu.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandha tbatli l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbatli kwart tal-ispejjeż sostnuti minn S. Bogusz.
- (3) S. Bogusz għandu jbatli tliet kwarti tal-ispejjeż tiegħu stess.

<sup>(1)</sup> ĠU C 133, 05.05.2012, p. 29.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Ġunju 2013 — BY vs AESA**

(Kawża F-8/12) <sup>(1)</sup>

*(“Persunal tal-AESA — Membru tal-persunal temporanju — Tkeċċija minħabba inkompetenza professjonali — Dmir ta' premura — Raġuni esterna għad-diffikultajiet professjonali — Fastidju psikoloġiku — Mard — Danni”)*

(2013/C 252/77)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: BY (Lasne, il-Belġju) (rappreżentant: B.-H. Vincent, avukat)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (AESA) (rappreżentanti: F. Manuhutu, aġent u assistit minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrent u t-talba ta' ħlas għad-dannu allegatament imġarrab minħabba din it-tkeċċija u l-fastidju allegat.

**Dispożittiv tas-sentenza**

- (1) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni hija kkundannata tħallas lil BY is-somma li tikkorrispondi għal disa' xhur tar-remunerazzjoni netta li kien jirċievi sa lejliet it-tkeċċija tiegħu.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni għandha tbatli l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbatli l-ispejjeż sostnuti minn BY.

<sup>(1)</sup> ĠU C 65, 3.3.2012, p. 28.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-26 ta' Ġunju 2013 — Di Prospero vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-12/12) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz Pubbliku — Ħatra — Riżultat pożittiv f'kompetizzjoni wara s-sejħa magħmula lir-rikorrent sabiex jipparteċipa f'kompetizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza — Ħatra fil-grad b'effett retroattiv”)*

(2013/C 252/78)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Rita Di Prospero (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrenti li tirrigwarda l-klassifikazzjoni tagħha fil-grad AD 11 b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2010 u talba għall-kumpens għad-dannu allegatament subit.

**Dispożittiv**

- (1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Ottubru 2011, li tirrifjuta lil R. Di Prospero l-klassifikazzjoni fil-grad AD 11 b'effett mill-1 ta' Jannar 2010, hija annullata.